Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill

(Kawża C-460/05)

"Direttiva 2005/36/KE — Rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali — Infermiera responsabbli għall-kura ġenerali — Qwiebel — Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-kwalifiki Pollakki — Validità — Obbligu ta' motivazzjoni — Introduzzjoni bl-Att ta' Adeżjoni"

Atti ta' l-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata (Artikolu 253 KE; Direttiva 2005/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) (ara l-punti 18-21)

Suġġett

L-annullament ta' l-Artikoli 33(2) u 43(3) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255 p. 22) — Sistema speċjali ta' rikonoxximent tad-drittijiet miksuba minn infermiera responsabbli għall-kura ġenerali kif ukoll minn qwiebel li għandhom kwalifika Pollakka.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż tagħha.